

42002D0595

L 194/35

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

23.7.2002

ID-DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TA' L-ISTATI MEMBRI, LI LTAQGĦU FI ĦDAN IL-KUNSILL TAD-19 TA' LULJU 2002.**Dwar il-Konsegwenzi ta' l-iskadenza taż-żmien stipulat tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) Trattat dwar il-ftehim internazzjonali milħuq mill-KEFA**

(2002/595/KE)

Ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, iltaqgħu fi ħdan il-Kunsill,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

billi:

- (1) Bis-saħħa ta' l-Artikolu 97 tiegħu, it-trattat tal-KEFA jiskadi fit-23 ta' Lulju 2002.
- (2) Diversi ftehim internazzjonali ma' pajjiżi terzi ġew konklużi mill-KEFA.
- (3) F'dawn il-ftehim m'hemmx previst l-eventwalità ta' l-iskadenza taż-żmien tat-Trattat tal-KEFA.
- (4) Is-suġġett tat-trattat tal-KEFA, fl-iskadenza taż-żmien tiegħu, ikun kopert mit-Trattat li jstabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej.
- (5) Huwa fl-interess tal-KEFA u tas-setturi konċernati li dawn il-ftehim internazzjonali għandhom jibqgħu fis-seħħ lil hinn mid-data ta' l-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u għandhom jgħaddu f'idejn il-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 1

Mill-24 ta' Lulju 2002, id-drittijiet u l-obligazzjonijiet li jaqgħu taħt il-ftehim internazzjonali konklużi mill-KEFA għandhom jittieħdu mill-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tibda' isseħħ fil-jum tal-publikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Din id-DEĊIŻJONI għanda tapplika mill-24 ta' Lulju 2002.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Lulju 2002.

Il-President

T. PEDERSEN